**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Pierre Tonna iben Ernest u Rose xebba Sammut li joqghod Flat 4, Block 1, De La Crix Avenue, Qormi, Malta**
**(I.D. No. 217075M)**

Illum 7 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-13 t' Awissu 1999 ghall-habta tad-9.30p.m. waqt li kien fil-bajja ta' Marsalforn, (1) saq vettura nru. IAG 329 b'velocita eccessiva u b'manjiera perikoluza, (2) aktar talli saq l-istess vettura kontra s-sinjal li juri li ma hemmx dhul, (3) aktar talli b'imprudenza, negligenza u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lil Jacklene Xerri minn Birkirkara u lil Peter Paul Cutajar minn Pembroke, u kkagunalhom griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikat Dr. Marlene Attard M.D. ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex, (4) aktar talli habat ma' bollard li kien hemm fit-triq u b'hekk ikkaguna hsarat ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, (5) aktar talli saq vettura nru. IAG 329 meta l-ammont ta' alkohol fin-nifs, demm jew urina tieghu kien aktar minn dak stipulat bil-Ligi, (6) aktar talli volontarjament ikkaguna hsarat f'telefon kiosk ghad-dannu tal-Maltacom plc liema hsara ma teccedix il-Lm50.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f-kaz ta' htija tissosspendi lil Pierre Tonna milli jkollu licenza tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidrilha li huwa xieraq.

Semghet il-provi;

Semghet l-ammisjoni tal-imputat fuq it-tieni akkuza kif registrata fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2000;

Ikkunsidrat illi f'din il-kawza x-xhieda tal-prosekuzzjoni allegaw illi l-imputat kien qed isuq vettura f-zona riservata ghall-pedestrians u biex ghamel hekk dahal kontra s-sinjal li juri li ma hemmx dhul. Il-pulizija qalulu biex jieqaf izda dan ma obdiex u beda jsuq b-velocita'.

Fil-process laqat lill-kwerelanti u l-vettura tieghu spiccat tahbat ma' bollards u 'telephone box' li hemm l-area.

Mill-provi mismugha l-Qorti hi moralment konvinta illi l-imputat huwa hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi issibu hati;

Wara li rat l-Artikoli 15 (1) (a), 15 A, B, C u G, Skeda II tal-Kap 65, 325 (c) u 328 (d) u 21 tal-Kap 9;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni tal-imputat kwantu t-tieni akkuza kif registrata fl-ahhar seduta f'din il-kawza;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) stante li prigunerija mhix piena idoneja f'dan il-kaz.

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur